# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 26/97Gozo

Michael Angelo Camilleri

vs

L-Onorevoli Prim Ministru, Ministru tal-Agrikoltura, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Dipartiment ta' l-Agrikoltura

Illum 2 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:

Huwa sar impjegat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fit-23 ta' Lulju 1979 fil-grad ta' Labourer. Fil-1982 wara li harget call for applications, ir-rikorrent gie moghti l-grad ta' Spettur Agrikolu. Matul il-perjodu tal-impjieg tieghu, ir-rikorrent dejjem kien stazzjonat fis-sezzjoni tal-land and water use. Fl-1987 l-Ufficjal Amministrattiv inkarigat mis-sezzjoni tieghu gie trasferit u hu assuma r-responsabilitajiet kollha ta' dik is-sezzjoni. Fil-1989 harget call for applications ghal grad ta' Ufficjal Agrikolu u r-rikorrenti peress li kellu l-esperjenza u kien ilu fil-fatt jaghmel dan ix-xoghol ghal ghadd ta' snin applika. Kien resaq ghal interview, li r-rizultat tieghu qatt ma gie ppubblikat. Meta mar jiccekkja dwar ir-rizultat, kemm id-Dipartiment tal-Agrikoltura kif ukoll il-Ministru ghal Ghawdex infurmawh li r-rizultat ma kienx sejjer johrog. Wara ftit, ir-rikorrent sar jaf li nhatar certu Ganni Sciberras. Ir-rikorrent rega' mar jitlob il-pubblikazzjoni tar-rizultat inutilment.

Illi din hija ingustizzja flagranti.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jirrakomanda rimedju kompesattiv billi r-rikorrent jinghata b'effett retroattiv l-imsemmija kariga u fin-nuqqas jinghata kumpens ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur Michael Angelo Camilleri qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatriet ta' Ufficjal Agrikolu I wara sejha ghall-applikazzjonijiet li saret fit-2 ta' Gunju 1989. Il-Kummissjoni qed tirreleva dan ghall-fini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

2. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju jinghad li ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' vakanzi fil-grad ta' Ufficja Agrikolu I li saret f'Gunju 1989 kien hemm tlieta u sittin (63) applikant fosthom ir-rikorrent. Sitta (6) kienu nstabu mhux eligibbli u tlieta (3) ohra m'attendewx ghall-intervista.

4. Illi fl-ghazla li saret wara din is-sejha fuq kriterji approvati mill-kummissjoni sittax (16) l-applikant kienu ghaddew.

5. Illi r-rikorrent inghata hamsa u tletin (35) marka minn total ta' mija (100).

6. Illi jirrizulta lill-Kummissjoni li r-rizultat ta' l-ghazla ma kienx gie ppubblikat bhal ma jsir is-soltu u jidher li dan ma sarx b'xi mottiv partikolari izda mhabba nuqqas amministrattiv. Ir-rizultat huwa anness (Dok A).

7. Illi minn dawk li kienu ghaddew, kienu nhatru l-ewwel disgha (9) fl-order of merit fosthom is-Sur Ganni Sciberras li ghalih ir-rikorrent ghamel referenza u li gie fil-hames post.

8. Illi l-Kummissjoni kienet sodisfatta li l-proceduri u l-ghazla finali saru b'mod korrett.

Ra d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra r-risposta tal-Prim Ministru, il-Ministru tal-Agrikoltura u d-Direttur tal-Agrikoltura li eccepew:

Illi preliminarjament il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Agrikoltura mhumiex il-legittimi kontraditturi stante illi hatriet ghal karigi gewwa s-Servizz Pubbliku jigu regolati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan a tenur tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi subordinatament fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji l-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni mentri r-rikors isemmi wkoll bhala intimat d-Dipartiment tal-Agrikoltura. Din ir-risposta qed issir mid-Direttur tal-Agrikoltura ghaliex gie notifikat fl-indirizz tad-Dipartiment tieghu.

Illi subordinatament dan ir-rikors ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimati stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors u dan ai termini tal-Art 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar il-fatti allegati fir-rikors huma ghandhom dan li gej xi jghidu.

Illi fl-14 ta' Novembru 1989 il-Bord responsabbli mill-intervisti tal-applikanti ghall-post ta' Agricultural Officer I baghat ir-rizultat ta' dawn l-intervisti lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Dok "A" 1 folio 1-6) f'liema rizultat jidher illi r-rikorrent ma kienx ikkwalifika.

Illi kif jidher mir-rizultat fuq imsemmi Ganni Sciberras gie fil-hames post u galadarba kien hemm htiega biss ta' sitt Agricultural Officers I is-Sur Sciberras gie promoss ghal dan il-grad.

Ghaldaqstant l-intimati ssottomettew illi ma hemm xejn allegat fir-rikors li jista jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fost l-eccezzjonijiet li ssollevaw il-Prim Ministru, Ministru tal-Agrikoltura, u d-Direttur tal-Agrikoltura hemm li dan ir-rikors ma ghandu ebda effett kontra l-intimati stante li l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors u dan ai termini tal-artikolu 181B (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Minn ezami tal-process jirrizulta li qatt matul il-kors tal-kawza la qabel li giet prezentata din l-eccezzjoni u lanqas wara ma sar xi attentat ta' notifika tal-Avukat Generali.

L-eccezzjoni hi bazata fuq l-artikolu 181B (3) tal-Kap 12. Jirrizulta li l-Avukat Generali ma giex notifikat. Jekk ir-rikorrent ma jiehux passi biex jissana dan l-izball dan iwassal biex ir-rikorrent jitlef il-kawza.

Illi l-artikolu 181B (3) jghid:

"Kull rikors, citazzjoni, jew att gudizzjarju iehor maghmul kontra l-Gvern ghandu jigi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tieghu jkun dirett u lill-Avukat Generali u kull terminu biex issir risposta jew nota ta' l-eccezzjonijiet dwar att bhal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-Gvern li jkun konvenut jew intimat fi proceduri gudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jigi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-Gvern li kontra taghhom ikun dirett u lill-Avukat Generali. In-notifika lill-Avukat Generali ssir bla hlas lir-registratur."

It-Tribunal jaghmel referenza ghal kaz iehor tieghu fl-ismijiet "Borg Lawrence vs Direttur tal-Progetti u Zvilupp deciza mit-Tribunal fl-4 ta' April, 2000 fejn it-Tribunal qal:

"Illi fir-risposta tad-Direttur tal-Progetti u Zvilupp il-Ministru Biedja u Sajd u l-Prim Ministru hemm eccepit li r-rikors promotur ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimati stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors u dan ai termini tal-artikolu 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili…

Minn dan johrog car li n-notifika lill-Avukat Generali hija essenzjali specjalment meta din tigi sollevata f'eccezzjoni tal-intimat. Ghal xi raguni r-rikorrent ma hax passi biex jissana dan l-izball. Il-Qorti ma tistax la tikkoregi hi minn rajjha, lanqas tissuggerixxi. In-notifika lill-Avukat Generali ma saritx u dan it-Tribunal ghalhekk jilqa' din l-eccezzjoni."

Ara kaz iehor identiku "Zammit Emmanuel vs Direttur tal-Agrikoltura" 28/11/00.

Il-kaz prezenti hu bhalhom it-tnejn. Dan it-Tribunal bil-fors ikollu jilqa' din l-eccezzjoni tal-intimat. Josserva li t-Tribunal ihalli li xorta wahda jsiru l-provi kollha biex jaghti kull opportunita` lir-rikorrent li jaghmel it-talba necessarja u jara jekk hemmx xi eccezzjonijiet ulterjuri u jipprovdi wara. Izda ma saret ebda talba.

Spejjez kontra r-rikorrent.